**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u sittin (67) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar l-4 ta' Ottubru, 2016 fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Nikolai Farrugia | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku li qalet it-talba.

2. Is-SE qara l-**minuti** u saru l-korrezzjonijiet mitlubin mill-kunsillieri filwaqt li tqajmu l-punti mill-minuti dak il-ħin stess.

**PUNTI MILL-MINUTI**

3. Issemmiet it-talba lil *Transport Malta* dwar it-***terminus*** u ntqal illi jidher illi l-operatur laqa' t-talba tagħna u f'Ottubru dan se jiċċaqlaq għal Triq il-Qrendi.

4. Fir-rigward tat-**trasport pubbliku** intqal illi issa tħabbru r-**rotot ġodda** tax-xitwa u fil-frekwenzi erġajna morna kif konna qabel, jigifieri kull għoxrin minuta u mhux kull nofs siegħa.

5. Intbagħtet l-ittra lill-Onor Konrad Mizzi tramite' *Projects Malta* dwar il-propost żvilupp tal-**ġibjun il-miftuħ,** f'Ċentru Ċiviku u Dar għall-Anzjani. Dwar it-tindif tal-istess ġibjun, se nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dan għaliex minkejja li fis-seduta preċedenti kien maqbul illi t-tindif isir mill-KLM fl-aħjar interess tar-residenti, l-għada filgħodu l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma intervjeniet biex tnaddaf l-istess ġibjun. Għaldaqstant dawn iffrakawlna €1,900. Michel Farrugia qal li fl-ittra ta' ringrazzjament għandna wkoll nistednuhom jagħmlu l-istess tindif fis-sajf li ġej, filwaqt li Charlene Zammit qalet illi hemm problema bil-ħamrija tal-ġnien li jinsab viċin, għax qed tiżżerżaq bix-xita fl-istess ġibjun u tibqa' fil-qiegħ, u għaldaqstant irridu naraw x'jista' jsir.

6. Dwar ix-**xogħol ta' ġardinaġġ** elenkat fl-ittra li bagħat il-KLM lill-*Environment Landscapes Consortium*, intqal illi dan ma sarx f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, u għaldaqstant tajjeb illi nitkellmu magħhom possibilment f'laqgħa fuq is-sit.

7. Fir-rigward tax-**xogħlijiet infrastrutturali**, is-Sindku qalet illi *Elle's Urban Services* jinħtieġ illi jiġi u jara l-bankini li hemm bżonn li jsiru, u l-*patching* li ssemmew fil-laqgħat preċedenti. Aktar tard, mal-approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti, kienet approvata bankina fi Triq Valletta għall-ammont ta' €700. Madankollu is-Sindku sostniet illi hija konċernata fir-rigward ta' rikjesta ta' bankina waqt li jkun qed jiġi żviluppat xi post ġdid.

8. Issemmew ukoll xi proposti ħalli jtejbu s-**sigurta' fit-toroq**, eżempju talba sabiex titpoġġa mera fi Triq Santa Katerina fil-bokka tal-isqaq it-twil. Intant is-SE qal illi wara l-approvazzjoni li ħadna sabiex issir ***zebra crossing*** f'din it-triq, qed insibu diffikulta' biex ninżlu bil-*wire* minn mal-linji mal-faċċata tal-bini, peress li r-residenti ma jridux jaċċettaw

aktar *wires*. Infatti s-Sindku kellha f'idejha ittra li rċevejna bl-avukat fejn toġġezzjona għal dan. Paul Spiteri qal illi s-soluzzjoni hija solar light *zebra crossing*.

9. It-talba tal-KLM biex ikun organizzat l-***Afternoon Tea*** fil-basement tal-iskola primarja kienet milqugħa u se ssir il-kampanja ta' pubbliċita'. Dan se jsir nhar il-Ħadd 16 ta' Ottubru wara nofsinhar.

10. Grace Marie Mallia qalet illi għamlet *provisional booking* sabiex nhar is-16 ta' Novembru jkun organizzat il-***Buffet Breakfast*** fil-lukanda San Antonio. It-tluq bil-*coach* hu fit-8.30am mill-Pjazza tal-Knisja u l-prezz hu ta' €8 għall-ikel fil-lukanda u €2 tat-trasport.

11. Issemmiet il-laqgħa li nżammet ma' ***Greenpak Co-op*** u s-SE għadda l-minuti tagħha flimkien ma' dawk tal-laqgħa li nżammet mal-każini tal-banda u l-organizzatur ta' **Festa Ravjul**, kif ukoll mal-minuti tal-laqgħa numru ħamsa u sittin, u dawk ukoll tas-seduta sitta u sittin tal-KLM. Charlene Zammit qalet illi għal-laqgħa ta' *Greenpak plc* kienu preżenti ħafna mill-kunsillieri peress li din saret nofs siegħa qabel il-laqgħa straordinarja tal-KLM. Fost is-suġġetti msemmija matul din il-laqgħa kien hemm dak dwar ir-reċipjenti tal-**Bring in site.** Għal dawk li jinsabu quddiem l-iskola, intqal illi l-kapacita' tagħhom hija żgħira wisq u rigward il-proposta sabiex dawn jikbru u jkunu mressqa għad-daħla ta' quddiem il-librerija pubblika, il-KLM se jkellem lill-Kap tal-Iskola aktar ‘il quddiem.

12. Il-KLM qabel illi joħroġ għall-offerta publika il-**kuntratt tal-knis tat-toroq urbani**. Is-SE bagħat kopja ta' dan il-kuntratt lil kunsillieri fuq l-*e-mail* ħalli min ikun irid jemenda fih ikollu ċ-ċans jagħmel dan. Madankollu il-KLM għadu ma ddeċidiex jekk it-tindif tat-toroq hux se jsir manwalment jew b’mod mekkanizzat. Se naraw *sample* ta' kuntratt b'sistema mekkanizzata għaliex il-kunsillieri qalu illi l-importanti hu li t-toroq jinkinsu u mhux sempliċiment isir il-*litter picking.*

13. Dwar l-*e-mail* li bagħat il-KLM lil *Faces Consultants* minħabba l-***bank tal-bus shelter*** tal-Pjazza tal-Knisja, ġie deċiż illi niktbu lil *Transport Malta* u nikkupjaw l-ittra lid-dipartiment tas-Saħħa u s-Sigurta'.

14. Is-smigħ tas-seduta tal-**arbitraġġ** li kienet skedata għat-28 ta' Settembru kienet differita peress li l-avukat tal-KLM, Dr Byron Camilleri, ma setax jattendi. S’issa għadna ma nafux għal meta ġiet differita.

15. Il-laqgħa proposta mal-Każini tal-Banda, l-Pulizija u l-LESA, ġiet posposta għax is-Surġent Pace ma setax dak in-nhar u f’dak il-ħin. Charlene Zammit qalet li madankollu, bi żvista, l-uffiċjal tal-LESA xorta ġie għal-laqgħa u ċemplilha għax ma sab lil ħadd fl-uffiċċju. Issa se naraw meta jkun jista' kulħadd ħalli nindirizzaw il-problema tat-**traffiku u s-sigurta' fil-Festi**.

16. Is-Sindku semmiet l-attivita' li kienet organizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali speċifikament għar-Reġjuni fejn matulha kien iffirmat **Memorandum of Understanding** biex isir studju fil-lokalitajiet rispettivi dwar l-aspett soċjali, kulturali u ekonomiku biex il-pajjiż ikollu komunitajiet aktar b'saħħithom.

17. Kien propost illi l-***litter bin*** fi Triq il-Pal jista' jeħel mal-arblu tad-dawl bil-brackets u b'hekk ma jkun qed idejjaq lil ħadd. Intant dak il-*litter bin* propost fi Triq iċ-Ċavi kantuniera ma Triq Santa Marija, twaħħal fejn kien qabel.

18. Għall-proposta ta' maniġġjar aħjar tal-bring in site, speċjalment dik li hemm quddiem iċ-ċimiterju, intqal li l-KLM m'għandux problema biex titwaħħal ***cctv***, u min jabbuża jittella' l-Qorti. Matul l-istess laqgħa pero' intqal li m'hemmx dawl biżżejjed f'każ li l-abbuż isir fis-satra tal-lejl.

19. Dwar il-laqgħa mal-każini u l-organizzatur ta' **Festa Ravjul,** Grace Marie Mallia qalet illi hija ma kienetx taf bid-data alternattiva espressa fl-*e-mail*. Is-SE spjega illi l-iskrivana tal-Kunsill m'għaddietx lil kulħadd l-email li bagħtet is-Sindku għax rat li l-kunsillier Paul Spiteri kien inkluż fl-email u ħasbet li għalhekk il-kunsillieri kienu kollha infurmati. Is-Sindku pero' spjegat illi hija kkupjat lil Paul Spiteri bħala rappreżentant tal-Imqabba FC.

    Intant, matul din il-laqgħa kienu diskussi diversi materji fosthom:

- proposta biex persuni mill-każini jservu r-ravjul għal €6.50 s-siegħa
- l-animazzjoni fuq il-palk minn kantanti stabbiliti u dawk li m'humiex
- id-dettalji tal-ħin u l-inviti tal-kantanti speċjalment dawk li jaf bihom il-KLM
- il-poster ta' Festa Ravjul
- x'valur fihom il-likes fuq il-*facebook page*
- it-tpoġġija tal-palk u l-imwejjed fil-misraħ u
- il-ħlas lill-preżentaturi appuntati mill-KLM

20. Is-SE qal illi hu għandu direzzjoni mill-ANSEK (Assoċjazzjoni Nazzjonali Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli Lokali) sabiex ikun hu li jinnomina u l-Kunsill japprova d-**Deputat Segretarju**. Hu innomina lil Ms Josianne Cilia Mumford li għandha esperjenza kbira fil-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u li anke minn aspett loġistiku taf iz-zona sew. Dan wara li hu kien bagħat il-lista tas-SEi li hemm fil-pool lill-kunsillieri permezz ta' e-mail u informa lill-kunsillieri li SE li jkun qed iservi f'xi kunsill ieħor hu kandidat validu għal Deputat Segretarju. Is-Sindku qalet illi hija tixtieq tappunta lill-executive officer Valerie Galea bħala Deputat SE għax ħadd aħjar minnha ma jaf ix-xogħol tal-KLM, billi din taħdem spalla ma' spalla mas-Segretarju preżenti. Valerie pero' ma tistax tinħatar Deputat SE għax din la hi SE u lanqas fil-lista tal-*pool*. Grace Marie Mallia qalet li hi ma taqbilx li għandu jkun appuntat Deputat Segretarju filwaqt li Paul Spiteri, Michel Farrugia u Anita Farrugia qalu illi għalihom ma tagħmel l-ebda differenza hu min hu. Intant is-Sindku qalet li SE irid ikun bniedem tal-fiduċja tagħha wkoll, u għaldaqstant, billi ċ-ċirkolari ssejjaħ lill-Kunsill sabiex jappunta Deputat SE, filwaqt li rringrazzjat lis-SE għall-proposta li għamel, irrakkomandat lil Michael Mifsud, is-SE ta' Santa Venera. Il-kunsillieri l-oħra ma kellhomx oġġezzjoni.

21. Anita Farrugia qalet illi l-KLM għandu wkoll jirrikonoxxi lil dawk iż-żgħażagħ li fil-*World Youth Day* marru jiċċelebraw mal-Papa, fi sfont ostili minħabba l-mibgħeda fost ir-reliġjonijiet. Kien hemm proposti oħra bħal dawk ta' rikonoxximent għall-abbatini li jmorru jservu ġewwa l-Vatikan jew żgħażagħ li jmorru jagħmlu volontarjat f'zoni ta' faqar. B'hekk inkunu qed niftħu aktar għal dawk li jkunu wettqu ħidma utli matul is-sena. Dwar dan kien hemm qbil u Charlene Zammit qalet illi peress li bi żvista l-avviż tal-gradwati ma deherx fil-ħarġa tal-fuljett t'Awwissu, se nagħmlu avviż fin-*notice boards* u l-ħwienet li jkun miftuħ għal kulħadd sabiex dawn jingħatalhom **rikonoxximent fis-serata Ġieħ l-Imqabba**.

22. Kien hemm diskussjoni dwar in-nomina tas-Sur Jerry Ghigo għal **Ġieħ l-Imqabba.** Michel Farrugia u Anita Farruiga opponew permezz ta' mozzjoni minħabba li din il-persuna ma ġabet l-ebda premju għall-Imqabba permezz tal-Karnival ta' Malta u ħadmet biss għas-Soċjeta' li tappoġġja. Min-naħa tiegħu, Paul Spiteri rrimarka illi n-nomina ta' Jerry Ghigo ma tmurx kontra r-regolamenti għall-għoti ta' Ġieħ l-Imqabba. Charlene Zammit qalet illi min-naħa tagħna tlabna direzzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk

riżoluzzjoni speċjali, bħal dik imressqa minn Michel u Anita, tridx l-appoġġ ta' żewġ kunsillieri jew tlieta. Il-mozzjoni tressqet biex ikun ridiskuss il-vot unanimu li ttieħed waqt il-laqgħa tal-KLM fejn kienet diskussa in-nomina ta' Jerry Ghigo. Hija qalet li għalkemm għad m'għandniex tweġiba, il-mozzjoni mressqa minn Michel u minn Anita xorta ma tistax tiġi diskussa għax ma daħlitx sa sitt ijiem qabel il-laqgħa. Għalhekk din il-mozzjoni ma tissodisfax il-kriterji legali tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qalet illi fir-raħal għandna ħafna nies validi li ċertament ħaqqhom Ġieħ l-Imqabba u li jagħtu ħinhom f'każin jew ieħor. Hija fakkret ukoll illi Jerry Ghigo kien l-unika persuna nominata. Charlene Zammit qalet illi saret taf li Michel Farrugia ingħata kopja tan-nomina ta' Jerry Ghigo mis-SE. Min-naħa tiegħu, is-SE qal illi peress li qabel ma bdiet il-laqgħa straordinarja tat-22 ta' Settembru, hu staqsa lill-membri jekk iridux jixgħelu l-mikrofoni tal-*live streaming* u ħadd ma kellu oġġezzjoni, il-laqgħa ma kienet sigrieta xejn u l-istess nomina inqrat *live* f'din il-laqgħa. Hu qal illi meta dokument ikun moqri fil-laqgħa jsir wieħed pubbliku.

23. Għas-**serata ta' Ġieħ l-Imqabba** qed isiru t-tħejjijiet neċessarji fosthom l-inviti (skont Grace Marie Mallia irridu naraw il-lista), l-*iscript*, il-preparazzjoni għal provi, l-involviment tat-tfal, kopja tal-innu tal-Imqabba (*score u recording*), is-*sound man*, il-ftuħ tal-iskola mill-purtinar, il-fjuri, t-tokens, u bosta oħrajn.

24. Waqt din is-seduta inqrat iċ-**ċirkulari** mibgħuta mid-Dipartiment Gvern Lokali numru 25/2016.

25. Il-KLM qara l-proposta ta' Ms Farrugia biex jingħata isem lill-pjazza li se tinfetaħ wara l-Isptar il-Qadim qabel ma jidħlu fiha r-residenti. Kien hemm qbil illi nipproponu l-isem **Misraħ San Nikola.**

26. Kienet approvata ċ-**ċedola tal-pagamenti** numru 522.

27. Charlene Zammit semmiet il-bżonn li jsir it-tindif tal-isqaq tal-imtali wara ċ-ċimiterju bejn Triq Ħal Kirkop u Ħal Millieri. Semmiet il-bżonn ukoll li jitneħħa it-terrapien li intefa' b'mod illegali fl-**Isqaq tas-Serer** u l-kunsillieri qalu li għandna nitolbu li jsir ix-xogħol mid-Dipartiment tat-Tindif għaliex l-istima ta' €1,900 tas-Sur J Farrugia hija għolja wisq.

28. Is-Sindku qalet illi fl-aħħar se jkun iffirmat il-kuntratt tal-**Proġetti Kapitali** u l-KLM se jkun qed iġib fondi biex ikompli jinvesti f'Misraħ il-Fidwa. Dan l-iffirmar se jsir is-Sibt, 8 t'Ottubru 2016.

29. Il-**laqgħa tal-KLM** se ssir fl-1 ta' Novembru fl-istess ħin.

30. Il-laqgħa ntemmet fid-2110hrs.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 1.11.16 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv                                        Sindku